**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 536/2021**

***VASSALLO BUILDERS LIMITED***

***vs.***

***IL-PERIT DAVID FELICE, IL-PERIT DAVID DRAGO U L-PERIT KONRAD BUHAGIAR F'ISIMHOM PROPRIO U GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' AP VALLETTA ĠIÀ MAGĦRUFA BĦALA ARCHITECTURE PROJECT, IL-PERIT DANICA MIFSUD, PHOENICIA HOTEL COMPANY LIMITED U PHOENICIA MALTA LIMITED GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLHA***

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet[1] dwar talba tal-kumpanniji konvenuti Phoenicia Hotel Company Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa bħala 'PHCL') u Phoenicia Malta Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa bħal 'PML') sabiex din il-qorti twaqqaf din il-kawża skont l-**artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta** u l-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sakemm jinbdew u jintemmu proċeduri ta' arbitraġġ;

[1] Provvediment li għandu x'jaqsam ma' talba għall-waqfien tal-proċeduri huwa meqjus bħala digriet skont l-**artikoli 229(1)(m)** u **229(2)(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara wkoll ***L-Avukat Dott. Pio M. Valletta v. Rosalie Darmanin*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008, ***Reġistratur tal-Qrati v. Riviera Resort Hotel Ltd et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Novembru, 2002 u ***Carmelo Mallia et v. Andrew Bezzina et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Mejju, 1989).

***Daħla / Fatti***

2. B'kuntratt tas-27 ta' Novembru, 2015, il-kumpannija PHCL qabbdet lill-kumpannija attriċi Vassallo Builders Limited sabiex twettaq xogħlijiet ta' tisbiħ fil-Phoenicia Hotel. Il-kumpannija PML intrabtet fuq l-istess kuntratt bħala garanti biex tagħmel tajjeb ukoll għall-obbligi li daħlet għalihom PHCL. Il-kuntratt għalhekk ġie ffirmat minn Vassallo Builders Limited, PHCL u PML;

3. Il-partijiet qablu fuq il-kuntratt li PHCL kellha tqabbad Inġinier sabiex jieħu ħsieb li jamministra t-twettiq tal-appalt. Fost id-dmirijiet tiegħu, l-Inġinier kellu jiddeċiedi u jaqta' pretensjonijiet dwar l-appalt li jitressqu lilu mill-partijiet. F'dan il-każ, l-Inġinier li ġie maħtur minn PHCL kienet Architecture Project (AP), li hija ditta ta' periti magħmula mill-periti David Feliċe, David Drago u Konrad Buħaġiar. Magħhom jidher li kien hemm involuta wkoll l-perita Danica Mifsud;

4. Bħala Inġinier skont il-kuntratt, AP tat ċertu deċiżjonijiet u ħarġet ċertifikati dwar kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet. Jidher li fost id-deċiżjonijiet meħuda minn AP kien hemm dik li Vassallo Builders Limited għandha tħallas penali qawwija ħafna lil PCHL minħabba li hija sabet li din damet biex temmet ix-xogħlijiet;

5. Il-kumpannija attriċi Vassallo Builders Limited jidhrilha li dawn id-deċiżjonijiet meħuda minn AP huma mtappna b'kunflitt ta' interess għaliex hija saret taf li AP kienet qiegħda tfittex lil PCHL sewwasew sabiex hija titħallas żejjed minħabba dan l-allegat dewmien fix-xogħlijiet. Skont Vassallo Builders Limited, AP kellha twarrab u ma tiddeċidix it-tilwima minħabba li hija stess kellha interess finanzjarju fuq il-kwistjoni tad-dewmien;

6. Minħabba f'hekk, fl-1 ta' Ġunju, 2021, Vassallo Builders Limited fetħet din il-kawża u talbet lil din il-qorti sabiex fost ħwejjeġ oħra tiddikjara li ċ-ċertifikati u d-deċiżjonijiet meħuda minn AP m'għandhomx jgħoddu fir-relazzjoni ta' bejnha u bejn PCHL minħabba nuqqas

ta’ imparzjalità ta’ AP; u sabiex tordna li AP u l-periti li jaħdmu magħha jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għad-danni li hija ġarrbet minħabba dan in-nuqqas ta’ imparzjalità;

7. Bħala l-ewwel reazzjoni għal dina l-kawża, PHCL u PML ressqu rikors fil-**<u>21 ta’ Ġunju, 2021</u>**, li qiegħed jiġi deċiż b’dan id-digriet, li permezz tiegħu huma talbu lil din il-qorti sabiex tieqaf milli tisma’ din il-kawża skont l-**artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta’ Malta** u l-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Huma argumentaw li skont il-klawsola 20.6 tal-kuntratt tal-appalt, kull tilwima bejn il-partijiet li għandha x’taqsam mal-appalt kellha titressaq għall-arbitraġġ, inkluż kull tilwima li għandha x’taqsam ma’ xi determinazzjoni jew ċertifikat maħruġ mill-Inġinier;

8. Il-kumpannija attriċi Vassallo Builders Limited wieġbet għal dan ir-rikors fit-**<u>12 ta’ Lulju, 2021</u>** u saħqet li din il-qorti għandha tiċħad ir-rikors u tkompli tisma’ l-kawża. Ir-raġuni ewlenija miġjuba minnha hija li ma hemm l-ebda ftehim ta’ arbitraġġ ma’ AP u mal-Periti li ġew imħarrka f’din il-kawża. Vassallo Builders Limited fissret li l-azzjoni li huma ressqu quddiem il-qorti hija diretta kontra AP u l-periti għaliex dawn messhom ma ndaħħlux biex jiddeterminaw il-kwistjoni ta’ bejn l-appaltant u l-appaltatur ladarba huma kellhom interess finanzjarju dwar kif kellha tinqata’ l-kwistjoni. Fl-istess tweġiba, Vassallo Builders Limited tagħti x’tifhem li hija ma kinitx ħa ssib problema li dawn il-proċeduri jieqfu bejnha u bejn PHCL u PML sakemm ikun hemm deċiżjoni ta’ arbitraġġ, imma ttenni li ma hija riditx li tieqaf il-kawża ta’ bejnha u bejn AP u l-periti mħarrka għaliex skontha din il-kwistjoni mhijiex koperta b’ebda klawsola ta’ arbitraġġ;

9. Il-kumpannija attriċi Vassallo Builders Limited ressqet nota ta’ sottomissjonijiet miżjuda fid-**<u>9 ta’ Marzu, 2022</u>** u saħqet li s-soprasessjoni hija miżura straordinarja u għalhekk din għandha tingħata applikazzjoni dejqa ħafna. Tenniet li ma jistax ikun hemm soprasessjoni għaliex ma hemm l-ebda ftehim ta’ arbitraġġ ma’ AP u l-periti mħarrka u għaliex kull deċiżjoni li tista’ tingħata mit-tribunal arbitrali ma tistax torbot lill-imsemmija AP u periti. Tinsisti wkoll li hemm bżonn li din il-kawża titkompla sabiex hija ġġib fix-xejn id-determinazzjoni u ċ-ċertifikati maħruġa minn AP;

10. AP u l-periti konvenuti wieġbu għar-rikors dwar is-soprasessjoni fis-**<u>17 ta' Marzu, 2022</u>** u qalu li filwaqt li huma kienu qegħdin jaqblu ma' PHCL u PML li tabilħaqq imissu jkun hemm waqfien tal-proċeduri sakemm ikun hemm deċiżjoni mit-tribunal tal-arbitraġġ, madankollu huma jsostnu li dina s-soprasessjoni għandha ssir biss wara li jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom dwar il-*locus standi* tagħhom f'din il-kawża;

11. Waqt is-seduta tat-**<u>22 ta' April, 2022</u>**, il-qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fuq dan ir-rikors tal-21 ta' Ġunju, 2021 u minn hemm il-kawża ġiet differita għal-lum sabiex jingħata dan id-digriet;

***Konsiderazzjonijiet***

12. Il-kwistjoni li trid tiddeċiedi din il-qorti hija jekk għandhiex tilqa' l-istedina ta' PHCL u PML biex tordna l-waqfien ta' dawn il-proċeduri minħabba l-eżistenza ta' klawsola ta' arbitraġġ li hemm fil-kuntratt tal-appalt tas-27 ta' Novembru, 2015;

13. L-arbitraġġ huwa mezz alternattiv kif il-partijiet jistgħu jsolvu t-tilwim ta' bejniethom mingħajr ma jinvolvu lill-qrati. Kemm hu hekk, waqt id-dibattitu fil-*Committee Stage* tal-31 ta' Ottubru, 1995, l-Onorevoli Michael Refalo esprima ruħu hekk ,«*it is another way how the Government is trying to plan a strategy and put in place systems and structures in order to alleviate the work load of the courts».* (ara ***Maltese Arbitration Law – A Hand Book*** mitbugħ miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ);

14. L-istitut ta' arbitraġġ fis-sistema Maltija llum huwa regolat b'mod dirett mill-**Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta)** u b'mod indirett mill-**artikoli 742(3), 968** u **969 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

15. L-għan wara l-**Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa li jħeġġeġ u jagħmel eħfef l-arranġament ta' tilwim f'Malta permezz ta' arbitraġġ, biex jistabilixxi Ċentru dwar l-

Arbitraġġ u biex jagħmel dispożizzjonijiet li jkunu jirregolaw it-tmexxija ta' proċedimenti ta' arbitraġġ;

16. Illi biex tiskatta l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ irid ikun hemm ftehim li jgħid li tilwima bejn partijiet hija suġġetta għall-arbitraġġ. L-**Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta)** fil-fatt jagħfas ħafna fuq l-aspett kunsenswali ta' din il-proċedura tal-arbitraġġ għaliex jitkellem dwar «*Ftehim ta' Arbitraġġ*», li skont l-**artikolu 2** tal-istess Att huwa ftehim kif imfisser fl-**artikolu 7 tal-Mudell ta' Liġi**. Il-Mudell ta' Liġi li jissemma hawnhekk huwa l-UNCITRAL fuq l-Arbitraġġ Kummerċjali Internazzjonali tal-21 ta' Ġunju, 1985;

17. Issa l-**artikolu 7** ta din il-liġi jgħid li ftehim ta' arbitraġġ huwa ftehim bejn il-partijiet li jissottomettu għall-arbitraġġ kull tilwima jew xi tilwim li jkunu tnisslu jew li jistgħu jitnisslu bejniethom għar-rigward ta' relazzjoni legali definita, sew jekk kontrattwali sew jekk le. Ftehim ta' arbitraġġ jista' jkun fl-għamla ta' klawsola ta' arbitraġġ jew fl-għamla ta' ftehim separat. Il-ftehim tal-arbitraġġ iżda jrid isir bil-miktub;

18. Dwar dan l-artikolu l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Ġenerali et*** deċiża fit-30 ta' Settembru, 2011 tgħid li,

> *«hawn naraw ir-rapport volontarju ta' bejn żewġ partijiet li jkollhom disputa bejniethom u dwar liema l-istess partijiet ikunu qablu li jirriferu l-kwistjoni għad-determinazzjoni quddiem arbitru u ċioè terza persuna li jkollha l-fiduċja tagħhom. B'dan il-mod tinħoloq relazzjoni kuntrattwali bejniethom u fl-istess ħin jeskludu l-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji.»;*

19. Il-klawsola arbitrali għandha funzjoni purament proċesswali u dan għar-raġuni ovvja illi din hi maħsuba biex tistabbilixxi t-tribunal li għandu jiddeċiedi l-kontroversji eventwali li jistgħu jinqalgħu mill-kuntratt. Jingħad f'dan is-sens minn **Lord MacMillan** fis-sentenza klassika Ingliża fl-ismijiet, ***Heyman v. Darwins Ltd*** **(1942) 1 All ER 337**, illi

> *«… an arbitration clause in a contract .. is quite distinct from the other clauses. The other clauses set out the obligations which the parties*

*undertake towards each other… but the arbitration clause does not impose on one of the parties an obligation in favour of the other. It embodies the agreement of both parties, that, if any dispute with regard to the obligations which the one party has undertaken to the other, such dispute shall be settled by a tribunal of their own constitution…»*

20. Issa skont il-liġi biex ikun hemm irbit ta' arbitraġġ hemm bżonn li l-ftehim tal-arbitraġġ ikun sar bil-miktub (ara ***Susan M. Waitt v. Peter B. Lloyd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010). Dan joħroġ ċar ħafna wkoll mill-ewwel parti tal-**artikolu 7(2)** tal-istess **Mudell tal-Liġi**. Jinsab deċiż f'dan is-sens illi, «*il-forma skritta għall-kostituzzjoni ta' l-att ta' arbitraġġ hija rikjesta ad validitatem jew ad solemnitatem u mhux sempliċement ad probationem*» (ara ***Victor Zammit et v. Joseph Stivala*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-18 ta' Mejju, 1992);

21. Din l-istess deċiżjoni tissokta tamplifika,

*«illi r-raġuni ta' dan ir-rigur fuq il-forma huwa faċilment komprensibbli għaliex il-kompromess jimplika dejjem rinunzja għad-dritt tal-azzjoni ġudizzjarja minn almenu wieħed mill-partijiet u rinunzja għall-protezzjoni tal-organizzazzjoni ġudizzjarja statali possibilment almenu minn waħda mill-partijiet»;*

22. Jekk ma jkunx hemm ftehim bħal dak bil-miktub, kull deċiżjoni li tingħata mit-tribunal tal-arbitraġġ tiġi ma tiswiex u ma jkollha l-ebda saħħa legali bejn il-partijiet (ara ***Rev. Patri Vigarju Provinċjali Raymond Francalanza nomine v. Nike Ventures Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 2007 u ***Mark Laferla v. Sammy Attard*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 1995);

23. Mhux biss il-kitba hi meħtieġa. Hemm bżonn ukoll li l-ftehim li jkun fih il-klawsola arbitrali jkun ġie ffirmat mill-partijiet. Il-firma hija ta' importanza kbira minħabba li hu minnha li titnissel ir-rieda ċara tal-partijiet li jirreferu għall-arbitraġġ it-tilwimiet li jistgħu jinqalgħu bejniethom mill-esekuzzjoni tal-kuntratt. Dwar dan jinsab imtenni fid-deċiżjoni ***Maltacom plc v. Ibrahim Salifu***, Appell Inferjuri, tas-6 ta' Frar, 2008, illi,

*«Indubbjament, is-sottoskrizzjoni fuq dokument hi element essenzjali tiegħu in kwantu tistabilixxi l-volontà tal-firmatarju li hu qed japprova l-kontenut. Di fatti, din l-istess sottoskrizzjoni tassolvi funzjoni dupliċi. Il-waħda, indikattiva għal fini li jkun individwat l-awtur tad-dokument. L-oħra, dikjarattiva, billi minn iqiegħed il-firma jassumi l-paternità tad-dikjarazzjonijiet kontenuti fl-istess dokument»;*

24. M'hemmx dubju li l-qrati tagħna dejjem taw il-piż mistħoqq lill-klawsoli arbitrali b'ħarsien għall-volontà ħielsa tal-partijiet u dan minkejja li l-qrati Maltin kellhom ġurisidizzjoni konkorrenti (ara ***Dr. Renato Ċefai nomine v. Valletta Freight Services Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Marzu, 2001 u ***Christopher Grech v. Joseph Cutajar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Diċembru, 2008);

25. Naturalment il-parti li tkun iffirmat ftehim ta' arbitraġġ għandha kull jedd li topponi għall-kompetenza tal-qorti u tippretendi li tmur għall-ġudizzju ta' arbitru jew arbitri (ara ***Joseph Micallef et v. Is-Sur Jovin Rausi nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2004);

26. Madankollu, huwa miżmum ukoll li l-klawsola arbitrali titqies li torbot fil-parametri stretti li fihom tkun ġiet stipulata, u wieħed irid joqgħod attent li ma jestendix l-applikabilità ta' tali klawsola arbitrali sempliċement fuq il-pretest li l-liġi tagħna tagħti trattament preferenzjali lill-istitut tal-arbitraġġ (ara ***Dr. Tonio Fenech nomine et v. L-Avukat Dottor Tonio Grech nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2005);

27. B'żieda ma' dan, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li skont l-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-fatt waħdu li jkun hemm klawsola arbitrali bħal din fi ftehim ma jeskludix il-ġurisdizzjoni tal-qrati (ara ***George Camilleri v. Hugh P. Żammit noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 1998). Li jista' jiġri huwa li, kemm jekk ikun inbeda xi proċediment quddiem arbitru, kemm jekk le, il-qorti tista' dejjem twaqqaf il-proċedimenti li jkun hemm għaddejjin quddiemha, u tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċedimenti. Ifisser għalhekk li l-aċċettazzjoni tat-talba għas-soprasessjoni mhijiex stqarrija li l-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża;

28. Issa skont l-**artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jitwaqqfu l-proċeduri quddiem il-qorti sakemm jintemmu l-proċeduri tal-arbitraġġ hemm bżonn li jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet;

29. L-ewwel nett, it-talba għas-sospensjoni trid issir mill-parti qabel ma tressaq xi eċċezzjoni jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti. Din it-talba tista' ssir permezz ta' rikors għal rasu qabel ma tiġi ppreżentata r-risposta maħlufa (kif għamlu PHCL u PML f'dan il-każ) jew inkella billi titressaq talba fl-għamla ta' eċċezzjoni preliminari fir-risposta maħlufa (ara ***Clentec Limited v. Il-Ministru tas-Saħħa et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u ***Panta Marketing and Services Limited v. AX Construction Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010);

30. It-talba għas-soprasessjoni għandha ssir fil-bidu għaliex jekk ma ssirx mill-ewwel, il-parti tista' titqies li tkun irrinunzjat għall-klawsola arbitrali u b'hekk tkun meqjusa li aċċettat li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti. Wara kollox, hija ġurisprudenza miżmuma li klawsoli arbitrali jistgħu jiġu rinunzjati, sew espressament sew taċitament (ara ***Edward Rizzo proprio et nomine v. Major Arthur D. Abbott proprio et nomine*** deċiża mill-Prim' Awla, Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru, 1952, ***Cordina Insurance Agency Limited pro v. John Abela Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2008 u ***Malta Shipyards Limited v. VPJ Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012);

31. It-tieni nett, il-qorti trid tkun sodisfatta li l-ftehim tal-arbitraġġ għadu fis-seħħ jew jista' jitwettaq, u fl-aħħar nett il-kwistjoni li dwarha jintalab li tgħaddi għall-arbitraġġ tkun fil-fatt waħda li għalih il-ftehim tal-arbitraġġ kien maħsub;

32. Jekk iseħħu dawn l-elementi, il-qorti għandha twaqqaf dawk il-proċedimenti;

33. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ li għandna quddiemna, jidher li ħadd ma hu qiegħed imeri l-fatt li bejn il-kumpannija attriċi Vassallo Builders Limited u l-kumpanniji konvenuti PHCL u PML hemm fis-seħħ klawsola arbitrali ffirmata, li tinsab fl-**artikolu 20.6** tal-kuntratt tal-appalt. Dan l-artikolu jgħid hekk:

*«Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this Contract, or the breach, termination or invalidity thereof, shall be settled by arbitration in accordance with Part IV (Domestic Arbitration) of the Malta Arbitration Act and the Arbitration Rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force.»*

34. Lanqas ma hemm kwistjoni li t-talba għall-waqfien ta' dawn il-proċeduri saret fil-bidu nett tal-kawża permezz ta' talba apposta mressqa minn PHCL u PML, qabel ma huma ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom. F'dan il-kuntest, il-qorti ma tistax tilqa' l-istedina ta' AP u tal-periti konvenuti li hija għandha tiddeċiedi din it-talba dwar is-soprasessjoni wara li tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet tagħhom dwar il-ħtieġa tal-preżenza tagħhom f'din il-kawża. Dan hu hekk għaliex il-kwistjoni dwar is-soprasessjoni msemmija fl-**artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta** għandha tiġi determinata mill-ewwel qabel kull eċċezzjoni oħra;

35. Hekk ukoll, ma jidhirx li hemm kwistjoni li l-klawsola arbitrali fuq imsemmija għadha fis-seħħ bejn Vassallo Builders Limited, PHCL u PML;

36. Il-problema li għandha quddiemha l-qorti hija jekk din il-klawsola arbitrali tgħoddx ukoll għal AP u għall-periti kollha mħarrka f'din il-kawża. Il-kumpannija attriċi Vassallo Builders Limited tisħaq bil-qawwa li din il-klawsola ma tgħoddx għal AP u għall-periti konvenuti għaliex dawn mhumiex firmatarji tal-kuntratt tal-appalt tas-27 ta' Novembru, 2015 u minħabba f'hekk hija tgħid li t-talba għall-waqfien ta' dawn il-proċeduri għandha tiġi miċħuda. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuti kollha jaqblu li hemm lok li din il-qorti twaqqaf dawn il-proċeduri sabiex tiġi mħarsa l-klawsola tal-arbitraġġ;

37. Fid-deċiżjoni ***Avukat Simon Tortell nomine v. G.S. Specialist Vehicles Ltd et*** mogħtija fis-26 ta' Marzu, 2010, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li klawsola arbitrali ma tistax tiġi imposta fuq terzi li ma kinux partijiet għall-ftehim ta' arbitraġġ. Iżda, filwaqt li din il-qorti taqbel fil-prinċipju ma' dak deċiż f'din is-sentenza, madankollu hija temmen li dan il-każ fih karatteristiċi daqsxejn pekuljari li jagħmluh differenti minn dik il-kawża deċiża fl-2010;

38. Għalkemm AP u l-periti konvenuti mhumiex firmatarji għall-kuntratt tal-appalt fejn hemm preżenti dina l-klawsola arbitrali, madankollu AP u l-periti li jaħdmu fiha ma jistgħux jgħidu li huma barranin għal dak il-kuntratt. Ma ninsewx li AP ġiet maħtura bħala Inġinier għall-għanijiet ta' dak il-kuntratt biex tieħu ħsieb tamministra t-twettiq ta' dak il-kuntratt. Għalhekk AP u l-periti tagħha jistgħu jitqiesu bħala protagonisti u parteċipi fit-tmexxija ta' dak il-kuntratt. Wara kollox is-setgħat u d-dmirijiet tagħhom kienu joħorġu sewwasew minn dak l-istess kuntratt fejn tinsab il-klawsola arbitrali;

39. Sfiq ma' dan, il-qorti qiegħda tifhem li t-talbiet ta' Vassallo Builders Limited f'din il-kawża huma diretti kontra kif AP u l-periti tagħha wettqu d-dmirijiet tagħhom taħt dak il-kuntratt ta' appalt. Fil-fatt Vassallo Builders Limited qiegħda tfittex b'din il-kawża li d-deċiżjonijiet meħuda minn AP u l-periti tagħha għandhom jiġu meqjusa bħala invalidi fir-relazzjoni kuntrattwali li hija għandha ma' PHCL, minħabba allegat nuqqas ta' imparzjalità;

40. Huwa ċar li dak li trid Vassallo Builders Limited b'din il-kawża huwa li PHCL ma tkunx tista' tuża' kontriha d-deċiżjonijiet u ċ-ċertifikati maħruġa minn AP u l-periti tagħha. Ifisser għalhekk li din il-kawża ma tistax tiġi maqtugħa mir-rabta kuntrattwali li Vassallo Builders Limited għandha ma' PHCL. La dan hu hekk, il-klawsola arbitrali tassumi rilevanza qawwija;

41. PHCL u PML għandhom kull jedd li jippretendu li kull tilwima li hija marbuta mad-deċiżjonijiet u maċ-ċertifikati maħruġa minn AP tiġi mressqa quddiem l-arbitri skont kif miftiehem fil-klawsola arbitrali, b'dana li Vassallo Builders Limited ma jistgħux jinqdew b'din il-kawża ċivili biex jippruvaw iduru ma' din il-klawsola. Dan anke jekk huma fetħuha kontra terzi li mhumiex firmatarji għal dik il-klawsola arbitrali;

42. Illi kontra dak li tgħid Vassallo Builders Limited, din il-qorti ma tistax tordna s-sospensjoni tal-kawża fil-konfront ta' PHCL u PML u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawża fil-konfront tal-konvenuti l-oħra. Li kieku kellha tagħmel hekk, il-qorti tkun qiegħda toħloq taħwida proċedurali enormi għaliex il-qorti ma tistax fl-istess proċeduri tisma' l-provi u tagħti sentenza fil-konfront ta' konvenut speċifiku u tħalli s-smigħ sospiż fil-konfront ta' konvenut

ieħor. Jekk il-qorti tagħżel li tissospendi l-proċeduri din għandha tagħmlu fil-konfront tal-partijiet kollha fil-kawża;

43. Fuq kollox, il-qorti ma tistax tifhem xi gwadann tista' tieħu Vassallo Builders Limited jekk il-kawża tieqaf ma' PHCL u PML, iżda tkompli mal-konvenuti l-oħra. Jekk Vassallo Builders Limited trid li tmewwet id-deċiżjonijiet ta' AP, biex fl-aħħar mill-aħħar ma tħallasx lil PHCL, allura hija bilfors li għandha bżonn li PHCL tibqa' fil-kawża u li s-sentenza ta' din il-qorti tkun torbot lilha wkoll;

44. Il-qorti ħasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u tħoss li l-aħjar soluzzjoni f'dan il-każ huwa li tabilħaqq tissospendi dawn il-proċeduri sakemm jiġu mitmuma l-proċeduri tal-arbitraġġ bejn il-firmatarji tal-kuntratt tal-appalt tas-27 ta' Novembru, 2015. Il-qorti temmen li l-arbitri għandhom kull setgħa li jwarrbu d-deċiżjonijiet u ċ-ċertifikati maħruġa minn AP. kemm fuq bażi teknika u kif ukoll fuq bażi legali minħabba raġunijiet ta' imparzjalità jew kunflitt ta' interess;

45. Il-qorti qiegħda tifhem li jekk Vassallo Builders Limited turi fl-arbitraġġ li hija għandha raġun tgħid li AP sejsu l-konklużjonijiet tagħhom fuq kunsiderazzjonijiet ħżiena biex iġibu 'l quddiem il-pretensjonijiet li huma għandhom kontra PHCL, allura dan iġib bħala konsegwenza loġika li d-deċiżjonijiet ta' AP ma kinux imsejsa fuq raġunijiet tekniċi u fattwali li huma tajbin;

46. Tassew jekk l-arbitri jagħżlu li ma jikkonfermawx id-deċiżjonijiet u ċ-ċertifikati ta' AP, din il-kawża tkun ġiet li saret għalxejn għaliex Vassallo Builders Limited ma tkunx tista' tiġi mġiegħla tħallas flejjes minħabba dak li jkunu ddeċidew AP. Bl-istess mod, Vassallo Builders Limited ma tkunx tista' tfittex għad-danni lil AP u lill-periti tagħha jekk hija ma tkunx aktar marbuta bid-deċiżjonijiet tagħhom li tħallas lil PHCL;

47. Min-naħa l-oħra, jekk l-arbitri jsibu li dawn id-deċiżjonijiet kienu tajbin, allura dan ikun ifisser li AP ma ħadux id-deċiżjonijiet biex jaġevolaw l-interessi tagħhom u b'hekk l-ilment

ta' Vassallo Builders Limited kontra n-nuqqas ta' imparzjalità ta' AP u tal-periti involuti jisfa fix-xejn;

48. Il-qorti hawnhekk qiegħda żżomm f'moħħha wkoll dak imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Valfracht Roro Line Ltd v. Kaptan Nikolaos Skiadas noe*** deċiża fl-10 ta' April, 2003, illi anke jekk ikun hemm is-soprasessjoni, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija xorta tibqa' tgħodd skont l-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan hu hekk għaliex li kieku l-klawsola ta' arbitraġġ ittemm il-ġurisdizzjoni b'mod sħiħ, ma jkunx hemm lok li tiġi ordnata s-soprasessjoni, imma biss il-ħelsien tal-imħarrek milli jibqa' fil-ġudizzju fuq il-bażi tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

49. Ifisser allura li l-kumpannija attriċi xorta ser jifdlilha l-jedd li tkompli din il-kawża quddiem din il-qorti, wara li jintemmu l-proċeduri tal-arbitraġġ, jekk kemm-il darba l-kwistjoni mqanqla minnha dwar is-siwi tad-deċiżjonijiet u ċ-ċertifikati ta' AP tibqa' miftuħa għall-kontestazzjoni;

50. Għalhekk il-qorti filwaqt li sejra tilqa' t-talba għas-soprasessjoni ta' din il-kawża, hija ħa tibqa' żżomm il-kompetenza tagħha fil-limiti tal-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** t-talba ta' Phoenicia Hotel Company Limited u ta' Phoenicia Malta Limited imressqa fil-21 ta' Ġunju, 2021 u tordna l-waqfien ta' dawn il-proċeduri skont l-**artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta** u l-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Bit-tħaddim tal-**artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-qorti qiegħda tidderiġi lil kull min hu interessat sabiex iressaq il-każ għall-arbitraġġ skont il-provvedimenti tal-**Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan fi żmien tliet xhur mil-lum. Jekk ebda proċeduri ta' arbitraġġ ma jinbdew

f'dan iż-żmien, il-qorti tqis li tkun ġiet rinunzjata l-klawsola arbitrali u għalhekk din il-qorti tkun tista' terġa' tibda tisma' din il-kawża;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**